# JUNIOR LYCEUM EXAMINATION 2004
# SKEMA TA' MARKI
# RELIĠJON

## A. Din l-istorja hi dwar l-Epifanija tal-Mulej. Imla' l-vojt b'dan il-kliem.

**MARKA WAĦDA GĦAL KULL KELMA F'POSTHA**

Fl-ewwel Ħadd tas-sena, nagħmlu l-festa ta' l-Epifanija tal-Mulej. Meta twieled Ġesù, **tliet** slaten ġew mil-**lvant** biex isibuh u **jadurawh.** Huma mxew wara **kewkba** sa Betlehem.
Din il-festa hi mportanti ħafna għax tfakkarna li Ġesù ġie għal **kulħadd.** Aħna kollha msejħin biex ningħaqdu mal-**familja** ta' Alla. Illum, hawn ħafna nies li qatt ma semgħu b'Ġesù. Il-**missjunarji** huma bħall- kewkba li wasslet lit-tliet slaten għand Ġesù. Meta nġibu ruħna bħala **nsara,** aħna nkunu wkoll bħal dik il-kewkba. Ġesù jrid li xi darba, il-bnedmin ikunu bħall-**merħla** waħda taħt **ragħaj** wieħed.

## B. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar il-festa ta' l-Għid il-Kbir

**MARKA GĦAL KULL TWEĠIBA TAJBA**
**FIN-NUMRU 8, MARKA KULL SENTENZA LI TIRREFERI GĦAĊ-ĊELEBRAZZJONI TA' SIBT IL-GĦID.**

1. Liema hi l-aktar festa importanti għalina l-insara? **L-Għid il-Kbir**
2. X'infakkru f'din il-ġurnata? **Il-qawmien mill-mewt ta' Ġesu Kristu.**
3. Għaliex din il-festa hi daqshekk importanti għalina?
   **Bil-qawmien tiegħu, Ġesu kiseb għalina l-ħajja ta' dejjem.**
4. Kif sellem Ġesù lid-dixxipli f'dak il-jum? "**Is-sliem għalikom**".
5. Min kienet il-mara li sabet li l-qabar kien vojt? **Marija ta' Magdala**
6. Liema appostlu sabha bi tqila biex jemmen li Ġesù kien ħaj? **Tumas**
7. Kompli din is-sentenza: "Mulej tiegħi u **Alla tiegħi**"
8. Ikteb **ŻEWĠ** sentenzi biex tiddeskrivi kif il-Knisja tiċċelebra Sibt il-Għid. Dawn il-kliem jistgħu jgħinuk. nar, blandun, magħmudija.
   **Tberik tan-nar u ta' l-ilma tal-magħmudija;**
   **Nixgħelu l-Blandun;**
   **Il-Blandun jgħaddi minn nofs il-knisja fid-dlam;**
   **Tiġdid tal-wegħdiet tal-magħmudija.**
9. Fil-Kredu nistqarru li nemmnu f'dak li seħħ f'Jum l-Għid il-Kbir. Kompli din is-sentenza mill-Kredu li biha nistqarru dan it-twemmin.
   "Fit-tielet jum **qam minn bejn l-imwiet skond il-Kotba Mqaddsa**".

## Ċ. Qabbel dawn is-sentenzi dwar il-Quddiesa.

MARKA GĦAL KULL NUMRU F'POSTU

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | **Fil-bidu tal-quddiesa** | 7 | noffru lil Alla l-ħobż u l-inbid. |
| 2. | Il-ktieb li juża l-qassis waqt il-quddiesa | 8 | il-ħobż jinbidel fil-Ġisem ta' Kristu. |
| 3. | Fil-Liturġija tal-Kelma | 4 | jkun meħud mit-Testment il-Qadim. |
| 4. | L-ewwel qari fil-quddies tal-Ħadd | 10 | ngħidu l-Missierna. |
| 5. | Is-Salm responsorjali | 3 | nisimgħu il-qari tal-Kelma ta' Alla mill-Bibbja. |
| 6. | It-tielet qari fil-quddies tal-Ħadd | 2 | insejħulu l-Missal. |
| 7. | Fl-Offertorju | **1** | **nitolbu lil Alla jaħfrilna dnubietna.** |
| 8. | Meta l-qassis jgħid "Dan hu Ġismi", | 11 | il-qassis iberikna fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu. |
| 9. | Biex titqarben sewwa | 6 | ikun meħud dejjem mill-Vanġelu. |
| 10. | Qabel it-tqarbin | 9 | trid tkun bla dnub mejjet. |
| 11. | Fl-aħħar tal-quddiesa | 5 | hu meħud mill-Ktieb tas-Salmi. |

## D. Ikteb żewġ sentenzi dwar x'jiġri fiċ-ċelebrazzjoni ta' kull wieħed minn dawn is-sagramenti.

MARKA KULL SENTENZA JEW ESPRESSJONI SHIHA LI TURI FEHMA X'JIĠRI FIS-SAGRAMENTI MSEMMIJA

1. Il-Magħmudija 2. Il-Griżma 3. L-Ewkaristija 4. Il-Qrar 5. L-Ordni Sagri

**It-tweġiba tista tkun dwar l-effett tas-sagrament JEW kif jiġi ċelebrat is-sagrament.**
**Eżempju:** **Fil-magħmudija jinħafer id-dnub tan-nisel.**
**Fil-magħmudija s-saċerdot jitfa l-ilma fuq ras it-tarbija.**

## E. Aqra sewwa din l-istorja li kiteb Mark.

**L-għan ta' dan l-eżercizzju hu li naraw kif l-istudent hu kapaci japplika dak li tgħallem dwar kif għandu jġib ruħu ta' nisrani f'kuntest tal-ħajja ta' kujum.**

MARKA GĦAL KULL TWEĠIBA TAJBA

1. L-għalliem x'kien jgħidilhom lit-tfal?
   **Ngħinu lil min hu fil-bżonn, speċjalment lix-xjuħ u lill-morda.**

2. Għid kif f'Novembru Mark għamel dak li kien jgħidilhom l-għalliem? **Mark għen lis-Sinjura Borg.**

3. Għaliex is-sinjura Borġ qalet 'Alla bagħatek'?
**Għax kellha bżonn l-għajnuna / Alla jipprovdi l-għajnuna bi bnedmin oħra.**

4. Semmi żewġ modi kif tista' tgħin lix-xjuħ? **(ŻEWĠ MARKI)**
**Kull forma ta għajnuna hi aċċettata bħala tajba.**

5. X'għandek tistenna talli tagħmel il-ġid? **Xejn.**

6. Semmi tliet modi kif Mark għen lis-sinjura Borġ. **(TLIET MARKI)**
**Ġabilha l-fliexken minn fuq l-ixkaffa.**
**Jagħmlilha l-faċendi.**
**Jitkellem magħha.**
**Bagħtilha kartolina tal-Milied.**

7. Spjega kif int tista' tgħin tfal b'diżabilità fl-iskola tiegħek.
**Kull tweġiba ta' karità materjali jew spiritwali hi aċċettata.**

## F. Ikteb għaxar sentenzi dwar il-miġja ta' San Pawl f'Malta. Uża l-kliem li hemm fil-kaxex.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| tempesta | ħuġġieġa | lifgħa | alla | fidi |
| Publiju | mirakli | tliet xhur | insara | Ruma |

**MARKA GĦAL KULL SENTENZA TAJBA**

**L-istudenti ngħataw kliem li għandu jwassalhom biex jiktbu l-ġrajja mit-tempesta sat-tluq lejn Ruma. Mela kull student irid jirrakkonta il-ġrajja kollha f'10 sentenzi. Tingħata marka għal kull sentenza jew espressjoni li tagħmel sens. L-istudent irid juri li jaf il-ġrajja, mhux li kapaċi juża l-lingwa.**

## Ġ. Aqra din l-istorja u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.

**Ġesù jmut fuq is-salib**
**MARKA GĦAL KULL TWEĠIBA TAJBA**

1. Kif miet Ġesù? **Imsallab fuq l-għolja tal-Kalvarju.**
2. X'għallimna Ġesù b'din is-sentenza "Missier aħfrilhom"?
**Li għandna naħfru lil min jagħmlilna d-deni.**
3. X'kien hemm miktub fuq is-salib? **Ġesù ta' Nażaret, Sultan tal-Lhud.**
4. Ġesù kien verament sultan. Meta niċċelebraw il-festa ta' Kristu Sultan?
**Fl-aħħar Ħadd tas-sena (tal-Knisja).**
5. Min kien hemm ħdejn is-salib ta' Ġesù? **Ommu Marija u Ġwanni.**

6. Għaliex ngħidu li Ġesù tana lil ommu bħala ommna minn fuq is-salib?
**Għax Ġesu qal lil Marija, "Dan hu ibnek."**
7. Meta nfakkru il-Passjoni u l-Mewt ta' Ġesù? **Fil-Ġimgħa l-Kbira.**
8. Għaliex dak is-Sibt kien tant speċjali għal-Lhud? **Għax kien l-Għid tagħhom.**
9. X'kienet l-aħħar talba ta' Ġesù' lill-Missier? **" Missier, f'idejk jien nerħi ruħi".**
10. Qabel norqdu għandna nitolbu lil Alla l-Missier. Ikteb talba biex tirringrazzja lil Alla ta' dik il-ġurnata. **Talba ta' RINGRAZZJAMENT ta' ġurnata sħiħa jew ta' xi ħaġa sabiħa li ġrat matul il-ġurnata.**

**G. Aqra dawn is-sentenzi. Ikteb sentenza ħdejn kull waħda minnhom biex turi x'għandhom jagħmlu dawn it-tfal biex juru li huma nsara tajbin.**

**Marka kull tweġiba tajba**

**L-għan ta' dan l-eżerċizzju hu li l-istudent jesprimi b'mod kreattiv kif jista' jwieġeb fil-prattika għall-bżonnijiet ta' min hu fil-bżonn. Importanti li t-tweġiba tkun tweġiba ta' nisrani li jfittex li jagħti servizz aktar milli jfittex id-drittijiet tiegħu.**

**GĦ. Ikteb ħames talbiet, biex jintużaw waqt it-Talbiet tal-Fidili fil-quddiesa ta' l-iskola. Ara l-eżempju**

**ŻEWĠ MARKI GĦAL KULL TWEĠIBA TAJBA. JINGĦATAW ŻEWĠ MARKI GĦAL KULL TALBA MIBNIJA FUQ L-EŻEMPJU LI INGĦATA.**

**H**

**1. Ikteb it-talba tal-Missierna.**

**Missierna li**
**inti fis-smewwiet jitaddes ismek,tiġi saltnatek** (Marka)
**Ikun li trid int kif fis-sema, hekkda fl-art.** (Marka)
**Ħobżna ta' kuljum agħtina llum:** (Marka)
**aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina** (Marka)
**u la ddaħħalniex fit-tiġrib**
**Iżda eħlisna mid-deni, Amen.** (Marka)

**2. Wieġeb**

a. Min għallimna din it-talba? **Ġesù Kristu.**
b. Min hu " Missierna li inti fis-smewwiet"? **Alla (l-Missier).**
c. X'inkunu qegħedin nitolbu meta ngħidu "Ħobżna ta' kuljum agħtina llum"?
**WAĦDA MINN DAWN: Biex Alla jipprovdilna x'nieklu / x-xogħol / l-bżonnijiet biex ngħixu / l-ewkaristija.**
d. Min huma dawk li huma ħatja għalina? **Dawk li jagħmlulna xi ħaġa ħażina.**
e. Semmi xi tiġrib jew deni li tixtieq li tkun meħlus jew meħlusa minnu.
**Eżempju wieħed biżżejjed bħall-mard, inkwiet, qagħad.**